# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 18**

**Rikors numru 222/16**

**Hayem S. Abulgassem**

**v.**

**Zuhair M.M. Ellafi**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell interpost minn Ellafi Zuhair minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fi stadju ta' medjazzjoni fuq proceduri mibdija minn martu.

F'dawk il-proceduri l-appellant kien qajjem il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin peress li skont hu, peress li z-zwieg gie celebrat il-Libja kienu l-Qrati ta' dak il-pajjiz li ghandhom il-gurisdizzjoni biex jisimghu proceduri ta' separazzjoni bejniethom. Wara li saru xi provi dokumentarji l-partijietipprezentaw atti voluminuzi li fihom esponew il-pozizzjoni legali taghhom; il-Qorti allura "*cahdet l-eccezzjoni tal-kompetenza taghha ukoll ghar-ragunijiet indikati fir-risposta*" (tal-appellata).

Mid-decizjoni allura appella l-imsemmi Ellafi fejn l-ewwel nett ilmenta li d-decizjoni appellata mhijiex motivata u li fil-mertu l-Qorti tal-Familja iddecidiet hazin ghaliex il-Qorti ta' Malta ma ghandhiex kompetenza tisma' l-kawza fic-cirkostanzi tal-partijiet.

Il-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna hija determinata mill-Artikolu 742 tal-Kodici tal-Procedura li jghid hekk;

> "**742.** (1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:
>
> "(*a*) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;
>
> "(*b*) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;
>
> "(*ċ*) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;

> "(*d*) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;
>
> "(*e*) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;
>
> "(*f*) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;
>
> "(*g*) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.
>
> "(2) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex esklużа mill-fatt li qorti barranija tkun qegħda tittratta l-istess kawża jew kawża li għandha x'taqsam magħha. Meta qorti barranija jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju jew iwaqqfu l-proċedimenti f'każ li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew inġusta għall-konvenut".

Qabel xejn din il-Qorti filwaqt li taqbel li l-Qorti tal-Familja setghet immotivat ahjar id-decizjoni taghha, ma taqbilx li fil-kaz in ezami, ma kien hemm **ebda** motivazzjoni. Li ghamlet il-Qorti kien li wriet li kienet qed taqbel mat-tezi tal-mara u allura cahdet l-eccezzjoni.

Fil-mertu il-kaz pero` ftit jimponi problemi; fit-talba taghha l-appellata talbet il-bidu ta' medjazzjoni biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn zewgha u dan kompriz li jkollha l-kura u kustodja tal-minuri binhom. Ghalhekk peress li kien l-istess appellat li beda proceduri biex ikollu l-kura u kustodja tieghu (rikors 269/15 kopja esebita fil-process), u kwindi ssottometta lilu nnifsu ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fir-

rigward, ma jistax issa jghid illi ma hemmx dik il-gurisdizzjoni biex tisma' t-talba ta' martu fir-rigward specjalment in vista tal-fatt li l-minuri (u anke huwa stess) jinsab Malta; ghalhekk ma hemmx dubbju li giet radikata l-gurisdizzjoni taht is-subincizi (d) u (g) fuq indikati. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Catarina Harvey v. Dr. Peter Caruana Galizia nomine deciza fit-8 ta' Jannar 2003**:

> "*Din il-Qorti, tirritjeni li meta fl-artikolu 742, tal-Kap. 12, il-ligi tirreferi ghal "kull persuna" u tabbinaha, fost ohrajn, ma' mera presenza, tal-parti konvenuta fuq il-principju ta' "ubi te invenio, ibi te convenio". Diversament ikun tassew ifisser, kif tajjeb argomenta l-appellant, li jkun bizzejjed ghall-parti attrici li tkun jew tigi Malta u tharrek lil min trid indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra rigwardanti l-parti konvenuta – haga dina li legalment hija inaccettabbli*".

L-appellant qajjem ukoll zewg kwistjonijiet ohra fl-appell tieghu; wahda li l-appellata ma gabet ebda prova dwar il-mandat taghha lil huha u li z-zwieg bejn il-partijet huwa regolat mill-Ligi tax-Sharia. Dawn pero` huma kwistjonijiet li ma ghandhom ebda rilevanza f'dan l-appell. L-appellata tkun trid taghmel il-prova fil-kawza anke fir-rigward tal-mandat jekk ikun il-kaz; fir-rigward tal-ligi applikabbli din ukoll tkun materja li ghandha tigi deciza mill-Qorti tal-Familja meta tibda tisma' l-kawza u jekk ukoll ikun il-kaz issir il-prova relattiva skont il-principji tad-Dritt Internazzjonali Privat. Kif ukoll jindika s-subinciz (2) fuq imsemmi, il-fatt li nbdew proceduri l-Libja ma jwaqqfux lill-Qrati Maltin li fid-diskrezzjoni taghhom jisimghu l-kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell interpost u tikkonferma d-decizjoni appellata; l-ispejjez jithallsu mill-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb